# Il-Kanonku Caruana bħala Diplomatiku

*Ta'* Guże' Galea

KULTANT fid-dinja jiġu żmenijiet li jqallbu l-ħajja u l-ħsieb tal-bnedmin; dan it-taqlib fil-ħajja donnu hu ta' ħtieġa biex il-ġnus jinfatmu minn drawwiet u fehmiet qodma u jiġġeddu fil-għajxien ta' ħajjithom u r-rdiet ta' moħħom. Dan it-taqlib jitnissel minn bosta ċirkustanzi, xi drabi hekk żgħar li wieħed qajla jintebaħ bihom. Bħalma żiffa ħafifa, għall-ewwel, wieħed ma jqisħiex, imma jekk iżżid tonfoħ tqajjem riħ qawwi u fl-aħħar iġġib uragan li jiknes kull ma jsib quddiemu, hekk ċirkustanza ta' xejn tista' taħti għal oħrajn u kollha flimkien inisslu ġrajja li jaqilbu d-dinja ta' taħt fuq.

Imma ċ-ċirkustanzi weħedhom ma jisfgħu f'xejn jekk ma jkunx hemm il-bniedem li bil-ħidma tiegħu jinqeda b'dawk iċ-ċirkustanzi biex jagħti xejra jew skop lill-ġrajjiet li jinbtu minnhom. Minn hawn ġej li kull epoka jew żmien li ħalliew impressjoni fuq il-ġnus, jintrabtu ma' xi nies li isimhom ifakkar f'dik l-epoka, għax dawk in-nies u dik l-epoka jkunu midmumin hekk flimkien li wieħed ma jistax jingħażel mill-ieħor.

Waħda mill-epoki l-aktar imsemmija fl-istorja ta' Malta, hu żmien il-Franċiżi u meta nsemmu żmien il-Franċiżi bla ma rridu niftakru fil-Kanonku Franġisku Saverju Caruana li dik il-ħabta mhux biss kien il-kap tal-Maltin u Ġeneral tal-Forzi tagħhom, iżda kellu sehem kbir ferm fit-tiswir tal-ħajja nazzjonali ta' Malta, fir-relazzjonijiet li din il-gżira kellha mal-barranin u fuq kollox hu kien ta xejra ġdida lill-politika Maltija, ħariġha mill-ambjent Mediterran u daħħalha fl-isfera internazzjonali.

Dun Franġisk Saverju Caruana kien raġel ta' bosta sejħat u għadda 'l quddiem f'kull triq li qabad: minn qassis sar Kanonku, minn Professur sar Rettur ta' l-Università, minn Kmandant ta' belt twelidu Ħaż-Żebbuġ sar Ġeneral u Kap ta' l-Assemblea Nazzjonali jew Gvern Malti u minn Vigarju sar Isqof ta' Malta. Imma jien l-aktar li nammira lill-Isqof Caruana bħala diplomatiku.

Hu kien wieħed mill-aqwa diplomatiċi li qatt kellha l-gżira

tagħna; indaħal fost id-diplomatiċi l-aktar magħrufin ta' l-Ewropa u ħa sehem fil-maniġġi diplomatiċi tagħhom.

Ta' nisel għoli u ta' kultura mill-aħjar, Caruana kellu persuntu taqilgħu, wiċċu jagħtih, rieda qawwija, moħħu jilħaqlu u deħen fin, dħuli u jaf imur man-nies, f'kelma waħda hu kellu kull ma jeħtieġ lil bniedem li jrid jindaħal qalb Suvrani, Ministri u Mexxejja ta' popli u nazzjonijiet. Hu kellu ħabta kbira biex jindiehes mal-Kbarat u biex jiġbed fuqu għajnejn il-Kapijiet. Meta Napuljun ġie Malta għażel lil Caruana bħala Membru tal-Kummissjoni tal-Gvern; meta l-Maltin irvellaw għall-Franċiżi daħħluh fl-Assemblea Nazzjonali u baqgħu biex fdawlu f'idejh it-treġija tal-pajjiż; meta ġie Ball, Caruana sar ħaġa waħda miegħu u t-tnejn flimkien daħħlu fix-xkora lill-Ministri tar-Re ta' Napli. Fuq kollox il-Kanonku kien wieħed li ħadem bla qies, bid-dieher, imma l-aktar bil-moħbi, biex iġib l-Ingliżi f'Malta.

Fl-1798 Napuljun Bonaparti ħa Malta minn taħt idejn il-Kavalieri ta' San Ġwann u minnufih ħaseb biex iwaqqaf għamla ta' Gvern imfassla fuq dak ta' Franza; qasam lil Malta f'muniċipji u fuq kulħadd waqqaf Kummissjoni Ġenerali tal-Gvern, Dun Franġisk Saverju Caruana, li minn qaddisu kien deffusi u jrid juri ruħu ma baqax lura iżda ħabrek u mexxielu, għax Bonaparti, biex jiġbed lejh il-qassisin, qatagħha li jpoġġi wieħed minnhom fil-Kummissjoni tal-Gvern u għażel lill-Kanonku Caruana.

Imma milli jidher Caruana ma ħareġx kuntent għax ma sabx ruħu kif kien ħaseb; hu stenna li se jkollu setgħa kbira f'idejh, imma l-Franċiżi għalkemm ħatru bosta Maltin u tawhom unuri kbar, żammew ir-riedni f'idejhom u fittxew li jagħmlu dak li kien jaqbel lilhom biss; għalhekk għalkemm il-Kanonku Caruana sab ruħu liebes uniformi l-aktar sabiħa u sata' jiddaqqaq bix-xabla u bil-kappell ravjula, malajr intebaħ li setegħtu kienet dgħajfa u ma ssarraf xejn. Ħasibha li ma kienx qagħdu fil-Kummissjoni billi deherlu li l-Gvern Franċiż ma setax irabbi egħruq f'Malta u għamel f'rasu li jiddimetti biex ikun ħieles għal meta x-xoqqa tiġi f'moxtha u jinbidel il-Gvern, u żied issaħħaħ f'dik il-fehma meta għadda minn għala widnejh li l-eżerċitu Franċiż kien iddobba taptipa fl-Eġittu u Nelson ħarbat il-flotta ta' Napuljun f'Abukir. Ta' diplomatiku li kien, Caruana telaq sabiħ sabiħ mill-Kummissjoni tal-Gvern u ngabar

f'Ħaż-Żebbuġ fejn kien jixxiegħel fil-fabbrika tal-kotnina li kellhom niesu u fejn kien jaħmi minn taħt u jhejji għal meta jasal il-waqt mistenni.

Il-Kanonku għamel ħbieb ma' ħafna rjus kbar Maltin u kien ta' sikwit jistedinhom għandu biex jiġbidhom lejh ħalli jsibhom meta jkollu bżonnhom; nafu li kien nieżel u tiela' Ħal Qormi biex igħaddi sagħtejn fl-ispiżerija tas-Sur Slaw Gatt, fejn kienu jiltaqgħu xi wħud mill-mexxejja tal-poplu. Kienu jmorru nies mill-ibliet, minn Birkirkara, minn Ħal Luqa, u minn Ħal Tarxien, taparsi biex iqattgħu ftit taż-żmien jiċċajtaw jew iħarrfu bejniethom, iżda minn taħt kien isir ħafna ftehim u tixwix biex jeħilsu lil Malta mill-moħqrija tal-Franċiżi; għax il-poplu kien imxabba' mill-Franċiżi li kienu serqulu ġidu u jeddijietu u żebilħulu l-knejjes tiegħu. Kulħadd kien jistenna li tqum xi waħda kbira.

Il-bomba faqqgħet nhar il-Ħadd, 2 ta' Settembru, 1799, meta r-Rabtin ħebbu għas-suldati Franċiżi li kienu marru jirkantaw il-ħwejjeġ tal-knisja tal-Karmnu ta' l-Imdina. Saret taqtigħa ħarxa u minnufih ġriet ix-xniegħa ma' Malta kollha; il-poplu għadab u fi ftit sigħat Malta qamet xewwiexa waħda.

Milli jidher xi tħejjija kien hemm, għax f'sagħtejn l-irġiel tar-rħula ngħaqdu f'battaljuni, taħt il-kmand ta' wieħed millkbarat tar-raħal, u kulħadd mar fejn kien bil-qaddis.

Iż-Żebbuġin għażlu bħala Kap tagħhom lill-Kanonku Caruana u telgħu fuq is-Saqqajja fejn ingħaqdu mar-Rabtin taħt il-kmand tan-Nutar Manwel Vitale, u ma' dawk tas-Siġġiewi, ta' Ħad-Dingli, tal-Mosta, ta' H'Attard u ta' Ħal Lija. Kollha flimkien taw is-salt għall-Imdina u rebħuha.

Sadattant il-Qriema kienu telgħu fit-triq ta' San Ġużepp, ħdejn tas-Samra biex igħassu għar-rinforzi Franċiżi li joħorġu mill-Bieb tal-Bombi, billi stennew li Vaubois jibgħat għajnuna lin-nies tiegħu li kellu fl-Imdina. Ir-rinforz ħareġ dak il-Ħadd stess wara nofs in-nhar, imma tagħna ħabtu għalih bil-qawwa tal-għaġeb, ħarbtuh u ġagħluh jerġa' lura u jaħrab lejn il-Belt mnejn kien ħareġ. Li kieku dak ir-rinforz laħaq wasal l-Imdina, in-nies ta 'Vitale u Caruana ma kenux jidħlu f'dik il-belt hekk malajr, jekk ukoll ma kenux jaqilgħu xi xebgħa li trażżanhom u titfilhom il-ħeġġa għar-rewwixta li kienu qajmu.

Ir-rebħa ta' l-Imdina ħeġġet il-ħrara għall-kumbatt u f'jumejn il-Maltin kinsu l-Franċiżi mill-kampanja ta' Malta u mblukkawhom wara s-swar ta' l-ibliet. Hekk f'daqqa waħda l-biċċa l-kbira ta' Malta sabet ruħha ħielsa mill-Gvern tal-barranin u sefgħet b'rajha f'idejha.

Dawn il-ġrajja saru hekk malajr u bil-ħeffa, li qajla kien hemm żmien jaraw kif sa jaħtru l-Gvern biex imexxi dik il-parti tal-Gżira li kienet waqgħet f'idejn il-Maltin. Imma xi ħadd ried jindaħal. Caruana, ta' makakk li kien, mexxa l-ħarifa kif kien jaqbillu, inqeda biż-Żebbuġin u bis-Siġġiwin li bdew igħajtu li jridu l-Kmandant tagħhom bħala kap; dawk tar-Rabat u Had-Dngli bdew iħaqqu li kien imissu jsir il-Kmandant tagħhom Manwel Vitale u għal ftit ma qamx it-twegħir; iżda mbagħad xi ħadd bil-għaqal wissa li biex jeħilsu mill-għira tal-partiti, aħjar jaħtru Għaqda jew Assemblea Nazzjonali biex tmexxi l-Gvern tal-Maltin. Ingħażlu bħala Membri ta' l-Assemblea Nazzjonali n-Nutar Vitale, il-Konti Manduca, il-Markiż Depiro, il-Konti Tewma u, ma għandniex xi ngħidu, magħhom daħal il-Kanonku Franġisku Saverju Caruana. Dik l-Assemblea Nazzjonali għażlet l-Imdina bħala belt kapitali tagħha, u minn hemm bdiet tiggverna l-kampanja ta' Malta.

Dik l-Assemblea hi ta' importanza mill-aqwa fl-istorja ta' Malta. Skond il-liġi internazzjonali dik il-Ġemgħa kellha s-setgħa ta' Gvern Suvran għax kienet taħkem fuq art li ħadd ma kellu jedd fuqha ħlief dawk in-nies li kienet tidher għalihom. Difatti d-Delegati ta' dik l-Assemblea kienu milqugħin mill-Gvern ta' Napli u Sqallija u mir-rappreżentanti tal-Gvern Ingliż, bħala mibgħutin minn Gvern kostitwit responsabbli u indipendenti u l-Ministri tar-Re Ferdinandu tkellmu u ftiehmu mad-Deputati ta' Malta bħalma rappreżentanti ta' gvern indipendenti jiftiehmu ma' dawk ta' ieħor bħalu. Dan il-perijodu jmissu jkun magħruf wisq aħjar fl-istorja ta' Malta għax hu l-uniku perijodu meta l-Maltin ma kellhom lil ħadd fuqhom u kienu mmexxijin minn Gvern tagħhom u maħtur minnhom biss.

F'qasir żmien il-Kanonku Caruana ħa f'idejh it-tmexxija ta' l-Assemblea Nazzjonali; lil Vitale ħallieh bħala Ġeneral u Kmandant fuq il-Forzi kollha Maltin u lit-tliet Membri l-oħra ġennibhom. Milli jidher Vitale kellu ġenju għall-gwerra u aktar kien jinqala' biex imexxi s-suldati milli biex jikkonfoffa u jaħ-

dem minn taħt, għalhekk li! Caruana ma kien jindaħallu xejn fl-intrigi diplomatiċi tiegħu. Hekk Caruana safa' l-aqwa wieħed, ġabar is-setgħa kollha f'idejh u l-kelma tiegħu kienet il-kelma ta' Kap ta' Gvern. Ara kemm hu hekk, li fit-30 ta' Novembru 1798, Ball kiteb lil Nelson li "General Caruana possesses much greater ability... he has the voice of the people... he appears to carry on all the business of the Island".

Wara li għadditilhom l-ewwel dagħdigħa l-Maltin ħasbu u raw li ma kenux jistgħu jmexxu weħidhom kontra l-qawwa ta' Napuljun. Għalkemm niesna kellhom taħt idejhom il-Gżejjer ta' Malta u Għawdex barra l-Belt u l-Kottonera, kienu jeħtieġu għajnuna ta' munizzjon u proviżjon biex ikomplu jimblokkaw lill-għedewwa tagħhom u ma jħalluhomx joħorġu barra s-swar; kien jeħtieġ ukoll li xi ħadd igħasses għall-Franċiżi minn fuq il-baħar biex iżommhom marsusin u jaqtgħulhom kull għajnuna minn barra.

Għalhekk Caruana u sħabu tal-Gvern Malti bagħtu d-delegati tagħhom biex jitolbu l-għajnuna lir-Re ta' Napli, bagħtu wkoll xprunari Maltin ifittxu l-flotta ta' Nelson biex jitolbu l-għajnuna tiegħu wkoll u stednuh biex jiġi jimblokka lill-Franċiżi minn fuq il-baħar. Jekk ikolli ngħid din is-sejħa lill-Ingliżi ħareġ biha Caruana għax hu kellu ġibda lejn l-Ingilterra u milli jidher kien ta' ġewwa ma' Nelson, hekk hu kien wieħed mid-deputazzjoni tal-Maltin li marru jiftiehmu ma' Nelson fuq il-frejgata tiegħu, il-*Vanguard* u fil-5 ta' Frar, 1799, insibuh jilmenta ma' Nelson fuq li r-Re ta' Napli kien naqas milli jibgħat qamħ lil Malta.

Il-Kanonku kien ilu jmaħħaħ fuq l-Ingliżi minn meta dawn kissru l-flotta Franċiża f'Abukir : hu kien bniedem li jaħseb fit-tul u kellu dehen u għaqal biex jara li Malta setgħet timxi 'l quddiem jekk tingħaqad ma' l-Ingilterra. Bniedem bħalu li kien ġarrab il-Gvernijiet despotiċi ta' l-Ordni u ta' Napuljun ma setax ma jixxennaqx għal-liberalità tal-Gvern Ingliż u ġieb quddiem għajnejh lil pajjiżu mrieġi minn Gvern magħżul minn fost il-Maltin, imħares minn nazzjon l-aktar għani u qawwi li jgħum fil-ġid u x-xaba'.

Nelson malajr għaraf is-siwi ta' Malta fl-istrateġija tal-Mediterran u billi dik il-ħabta l-frejgati tiegħu kellhom xogħol ieħor, hu minnufih bagħat frejgati Portugiżi li kellu taħt idejh

biex igħassu minn fuq il-baħar, u armi u nies biex igħinu lill-Maltin mill-art; bagħat ukoll wieħed mill-aħjar Kaptani tiegħu, Alexander Ball, biex jagħti l-parir tiegħu għall-ġid. Malli Ball niżel l-art, mar sab lill-Kanonku Caruana, inġibed lejh u minn dak il-ħin id-destin ta' Malta waqa' taħt idejn dawk it-tnejn min-nies.

Ball kellu r-riħ mill-Ingilterra u Caruana kellu l-arja bil-Maltin u t-tnejn flimkien kienu jħawdu u jikkonfoffaw kif jaqblilhom. L-ewwel ma bdew biex iagħbu lir-Re ta' Napli, dak li kien jippretendi li kellu xi jeddijiet fuq Malta; biex isikktuh, Ball għarraf li hu kien magħżul minn Nelson biex jiġi f'Malta f'isem ir-Re Ferdinandu ta' Napli; hekk f'għajnejn in-nies Ball deher li kien ifittex l-interess ta' dak is-Sultan, iżda minn taħt kien isus biex jiġbed lill-Maltin lejn il-Kuruna Ingliża, u seta' jagħmel dan aktar bla tfixkil billi dik il-ħabta r-Re Ferdinandu kien irid mill-Ingliżi, għax il-Franċiżi kienu qegħdin jagħfsuh bla hedu. Ir-Re kien jagħmel dak li tgħidlu martu r-Reġina Marija Karolina u din kienet tagħmel dak li ssefsfilha Lady Emma Hamilton, il-ħabiba ta' l-Ammirall Nelson, dak li kien bagħat f'Malta lil Ball, li kien ħaġa waħda mal-Kanonku Caruana. Hekk wieħed aktar jifhem il-ħoloq tas-sensiela li kien hemm bejn il-Kanonku Malti u r-Re ta' Napli.

Din ir-rabta kienet issarraf ħafna fil-maniġġi diplomatiċi ta' dik il-ħabta, ara kemm hu hekk li ftit wara li Ball ġie Malta u rabba l-egħruq f'din il-Gvern, waslu hawn ukoll Nelson u Sir William Hamilton u Lady Hamilton u qagħdu fil-Palazz ta' Sant'Anton mill-4 sal-20 ta' Mejju, iltaqgħu mal-Kanonku Franġisku Saverju Caruana u min jaf x'nisġu bejniethom.

Meta wasal Nelson il-Maltin kienu diġà tellgħu l-bandiera Ingliża ma' dik ta' Napli u l-Kanonku Caruana ma kienx ħabrek bil-ftit biex sar dan. Malli qamet ir-rewixta, il-Maltin tellgħu l-bandiera tagħhom fuq is-swar ta' l-Imdina, iżda meta raw li kellhom bżonn il-għajnuna barranija dehrilhom li aħjar itellgħu l-bandiera tar-Re Ferdinandu wkoll mnejn stennew dik l-għajnuna, iżda Caruana kellu tir ieħor f'moħħu u f'laqgħa tal-Kmandanti Maltin tkellem tajjeb ħafna dwar il-ġid u r-risq li setgħu jiksbu bis-saħħa ta' l-Ingilterra u Ċensu Borg ta' Birkirkara ma damx ma tella' l-bandiera Ingliża wkoll fuq il-batterija "it-Twila" fuq tal-Għargħar. Dik kienet l-ewwel bandiera In-

gliża li dehret tperper fuq din il-Gżira u bla telf ta' żmien telgħu bosta oħrajn sakemm għattew u tfew lill-bandieri l-oħra kollha.

Dak iż-żmien kien hawn ħafna li xtaqu jaraw bandieri oħrajn iperpru fuq Malta, għax kien hawn ħafna li kienu jnassu u jxewxu kif jaqbel lilhom u, kif jiġri minn dejjem f'din il-Gżira, ma damux ma qamu l-partiti, kulħadd jiġbed lejh u jressaq innar lejn xawwatu.

Kien hawn min kien jaħdem biex il-Franċiżi jibqgħu jaħkmu f'dawn il-Gżejjer, kien hawn min ried li Malta taqa' taħt il-kuruna ta' Sqallija, kien hawn min xtaq li jerġgħu jiġu l-Kavalieri ta' San Ġwann, kien hawn min saħansitra twebbel bir-Russi, u kien hawn ukoll min deherlu li din il-Gżira kellha tibqa' timxi għal rasha bla ma tintrabat ma' ħadd, iżda ħadd minn dawn ma kien ilaħħaq mal-Kanonku Caruana li kien iħabrek bid-dieher u bil-moħbi, biex Malta tingħaqad ma' l-Ingilterra.

Caruana, kif għidna, kellu ħabta kbira kif iberren u jlikkem biex jasal għat-tir ta' moħħu; il-Kbarat kienu jistmawh għax ma kenux ilaħħqu ma' moħħu u l-kotra kienu joqogħdu għalli jgħidilhom hu għax kien fabbli, jaf imur u jaf iżiegħel biex jiġbed in-nies lejh, fuq kollox kellu l-għajnuna kollha morali u materjali mill-Ingiżi li kien jaħdem id f'id magħhom. Bis-saħħa tiegħu l-partit Ingliż ma damx ma xtered, rabba l-egħruq u sebaq lill-partiti l-oħra kollha, hekk li fil-31 ta' Marzu, 1799, naraw lill-Kongress tal-Maltin jingħaqad biex jitlob ir-Re ta' l-Ingilterra ħalli jeħodhom taħt il-protezzjoni tiegħu.

Dik it-talba tal-Kongress f'isem Malta kienet il-qofol tal-ħidma li l-Kanonku Caruana kien ilu jwettaq minn meta ltaqa' ma' Ball; kienet rebħa kbira għalih, kienet ukoll manuvra ta' għaqal fin, għax b'hekk sikket il-pretensjonijiet tas-suvrani li kellhom għajnejhom fuq Malta u fl-istess ħin sata' jxandar maddinja kollha li l-"*Melitensium Amor*" ried il-għaqda ta' Malta ma' l-Ingilterra.

L-Ingliżi ma nsewx kemm swielhom il-Kanonku u tawh ġieh u unuri; hekk wara li ċedew il-Franċiżi, Caruana daħal rebbieħ il-Belt, riekeb ma' Sir Alexander Ball, il-Gvern Ingliż stmah ta' General u ta ordni biex jagħtuh l-unuri militari ta' hekk; imma fuq kollox l-Ingliżi riedu jgħolluh bħala kap tal-Knisja ta' Malta. Wara li miet l-Isqof Labini, il-Gvern Ingliż

xtaq li Caruana jsir Isqof, imma r-Re Ferdinandu tħabat għal Monsinjur Mattei u sar dan; imbagħad, meta fl-1829 miet l-Isqof Mattei ukoll, il-Ministru ta' l-Istat Ingliż, Viscount Castlereagh irsista mal-Vatikan biex Caruana jilħaq Isqof ta' Malta, u wara ħafna tigbid il-Papa ħatru Kap tal-Knisja ta' Malta fil-15 ta' Mejju, 1831, u hekk il-Kanonku Caruana, li ma' tul ħajtu kien qala' bosta unuri, u ġarrab ħafna esperjenzi, kellu s-soddisfazzjon li jogħla sal-quċċata fil-karriera ekklesjastika tiegħu.

## BIBLJOGRAFIJA

Tagħrif fuq l-Isqof Franġisku Saverju Caruana u l-ħidma tiegħu jinsab f'dawn il-kotba li ġejjin: —

"*Biografia di S.E. Rev.ma Mons. Dr. Francesco Saverio Caruana*", *scritta dal Can. Cap. V. Caruana dei Conti Gatto*—Malta 1907.

'*Ultimo Periodo Della Storia di Malta*", *scritto dal Canonico Fortunato Panzavecchia*—Malta 1835.

"*Origine della Sovranità Inglese su Malta*" *di Mons. Alfredo Mifsud*—Malta 1907.

"*Memorie Storiche Della Resa di Malta*" *per l'Avvocato F. Giuseppe Terrinoni*—Roma 1876.

"*L'Occupazione Francese di Malta nel 1798*" *di Felice Cutajar*—Malta 1933.

"*The Sovereignty of Malta*" *by Sir Augustus Bartolo*—Malta 1909.

"*A History of Malta*" *by William Hardman*—London 1909.

"*Authentic Material for a History of the People of Malta*" *by William Eaton*—London 1807.

"*Histoire de Malte*" *par. M. Miège*—Paris 1840.

"*Acts et Documents*" *par Hannibal P. Scicluna*—Malta 1923.